

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 167

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

13 ta' Ġunju 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 167/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6569 – Leċta/Polyedra) <sup>(1)</sup> .....	1
2012/C 167/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6468 – ForFarmers/Hendrix) <sup>(1)</sup> ...	1

### III *Atti preparatorji*

#### **Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2012/C 167/03	Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' April 2012 dwar proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu u proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu (CON/2012/24) .....	2
---------------	--	---

# MT

Prezz:  
EUR 3

(<sup>1</sup>) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

IV *Informazzjoni*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2012/C 167/04	Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2012 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 .....	15
---------------	---	----

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 167/05	Rata tal-kambju tal-euro .....	16
---------------	--------------------------------	----

**Il-Qorti tal-Awdituri**

2012/C 167/06	Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2012 "Ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid: Il-progress li sar s'issa" .....	17
---------------	--	----

V *Awżi*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 167/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6595 – AXA/BNP Paribas/Immeuble Cergy-Pontoise) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata <sup>(1)</sup> .....	18
---------------	--	----



<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Każ COMP/M.6569 – Leċta/Polyedra)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 167/01)

Fis-6 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32012M6569. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Każ COMP/M.6468 – ForFarmers/Hendrix)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 167/02)

Fis-16 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32012M6468. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## III

(Atti preparatorji)

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-2 ta' April 2012

dwar proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu u proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

(CON/2012/24)

(2012/C 167/03)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fit-13 ta' Diċembru 2011, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu <sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament propost") u fil-21 ta' Diċembru 2011 dwar proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu <sup>(2)</sup> (minn hawn 'il quddiem "id-direttiva proposta").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi r-regolament propost u d-direttiva proposta fihom dispożizzjonijiet li jeffettwaw il-kontribut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għat-tmexxija bla xkiel tal-politika dwar l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5. tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

Il-BĊE jaqbel mal-għan ġenerali segwit taħt ir-regolament propost u d-direttiva proposta li huwa li jsir kontribut għat-tnaqqis ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja u għat-trawwim mill-ġdid tal-fiduċja ta' investituri u parteċipanti fis-suq fis-swieq finanzjarji u l-kwalità tal-gradazzjoni. Il-miżuri proposti huma intiżi sabiex (a) inaqqsu d-dipendenza eċċessiva fuq il-gradazzjonijiet esterni; (b) itaffu r-riskji ta' effetti kuntaġġużi marbutin ma' bidliet fil-gradazzjonijiet sovrani; (c) itejbu l-kundizzjonijiet tas-suq tal-gradazzjoni tal-kreditu bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-gradazzjonijiet; (d) jiżguraw dritt għal rimedju għall-investituri; u (e) itejbu l-kwalità tal-gradazzjonijiet billi tissaħħaħ l-indipendenza tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu (CRAs) u l-promozzjoni ta' proċessi u metodoloġiji għall-gradazzjoni tal-kreditu li huma sodi. Il-BĊE għandu interess qawwi f'inizjattivi regolatorji li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu esterni <sup>(3)</sup>. L-eżistenza ta' nuqqasijiet li jidhru fil-gradazzjonijiet tal-kreditu jista' jkollha effetti importanti fuq il-fiduċja fis-suq u l-possibbiltà ta'

<sup>(1)</sup> KUMM(2011) 747 finali.

<sup>(2)</sup> KUMM(2011) 746 finali.

<sup>(3)</sup> Ara l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu – tweġiba tal-Eurosistema, Frar 2011 (minn hawn "il quddiem it-tweġiba tal-Eurosistema") li tinsab fuq il-websajt tal-BĊE fuq <http://www.ecb.europa.eu>

effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja. Fl-isfond ta' dan, il-BĊE jaqbel mal-għan speċifiku tal-Kummissjoni li titnaqqas id-dipendenza eċċessiva fuq gradazzjonijiet tal-kreditu esterni, li huwa konformi mal-prinċipji stabbiliti mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) f'dan il-qasam <sup>(4)</sup>.

Il-BĊE jappoġġa wkoll il-poteri komprensivi f'dati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CRAs. Il-kompiti addizzjonali tal-AETS taħt ir-regolament propost ser jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-suq tal-gradazzjoni tal-kreditu bil-ħsieb li jittejbu l-kwalità tal-gradazzjonijiet u l-promozzjoni ta' proċessi u metodoloġiji sodi għall-gradazzjoni tal-kreditu <sup>(5)</sup>.

## Osservazzjonijiet speċifiċi

### 1. *Dipendenza eċċessiva fuq gradazzjonijiet tal-kreditu esterni*

*Valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu minn istituzzjonijiet finanzjarji*

1.1. Taħt ir-regolament propost, l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u mhux jiddependu biss jew b'mod mekkanistiku fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' entità jew strument finanzjarju <sup>(6)</sup>. Barra minn dan, l-awtoritajiet kompetenti inkarigati bis-superviżjoni ta' dawn l-impriżi jridu jikkontrollaw mill-qrib l-adegwatezza tal-proċess tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-impriżi <sup>(7)</sup>. Dawn id-dipożizzjonijiet jirriflettu s-sejbiet tar-Rapport de Larosière <sup>(8)</sup> u jirriflettu l-prinċipju tal-FSB li taħtu l-banek, il-parteċipanti fis-suq u l-investituri istituzzjonali għandhom ikunu mistennija li jagħmlu l-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom stess <sup>(9)</sup>.

1.2. Il-BĊE jappoġġa l-għan komuni tal-FSB u tal-Kummissjoni li titnaqqas id-dipendenza żejda fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu esterni <sup>(10)</sup>. Aktar speċifikament, il-BĊE jinnota illi l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investment f'konglomerat finanzjarju <sup>(11)</sup> tinkludi dispożizzjonijiet li jindirizzaw din il-kwistjoni b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' approċċi interni minn istituzzjonijiet ta' kreditu għall-kalkolu tar-reqwiziti tal-fondi proprji u ukoll b'rabta mal-kreditu u r-riskju tal-kontroparti <sup>(12)</sup>. Barra minn dan, waqt illi istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu wkoll mitluba jiżviluppaw kapaċitajiet ta' valutazzjoni tar-riskju adegwati, dawn il-kapaċitajiet għandhom ikun proporzjonati man-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom.

Il-BĊE jinnota wkoll l-emendi korrispondenti mdaħħlin fid-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta'

<sup>(4)</sup> Ara l-Prinċipji għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-gradazzjonijiet ta' CRA, Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, 27 ta' Ottubru 2010 (minn hawn "il quddiem il-prinċipji FSB") u ukoll, f'Annex II, ħarsa ġenerali lejn il-politika tal-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Kreditu tal-Eurosistema f'dan il-qasam.

<sup>(5)</sup> Ara, pereżempju, Opinjoni CON/2010/82 tad-19 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, paragrafi 1 u 2. L-opinjoni kollha huma ppubblikati fuq il-websajt tal-BĊE fuq <http://www.ecb.europa.eu>

<sup>(6)</sup> Artikolu 1(6) tar-regolament propost, Artikolu 5a ġdid, l-ewwel sentenza.

<sup>(7)</sup> Artikolu 1(6) tar-regolament propost, Artikolu 5a ġdid, it-tieni sentenza.

<sup>(8)</sup> Ara r-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-superviżjoni finanzjarja fl-UE ppresedut minn Jacques de Larosière, 25 ta' Frar 2009, p.19-20. Il-Grupp huwa tal-fehma illi l-użu ta' gradazzjonijiet mitlub minn xi regolamenti finanzjarji iqajjem numru ta' problemi, imma x'aktarx li ma jistax jiġi evitat f'dan l-istadju. Iżda l-Grupp iqis illi dan għandu jtnaqqas b'mod sinifikanti mal-medda taż-żmien. Is-superviżuri għandhom jivverifikaw li l-istrumenti finanzjarji jkollhom il-kapaċità li jikkumplementaw l-użu ta' gradazzjonijiet esterni (li fuqhom m'għandhom jibqgħu jiddependu b'mod eċċessiv) b'valutazzjonijiet indipendenti sodi.

<sup>(9)</sup> Ara l-Prinċipji tal-FSB, Prinċipju II, Tnaqqis tad-dipendenza tas-suq fuq gradazzjonijiet ta' CRA.

<sup>(10)</sup> Ara Taqsima 3.4.2 tal-memorandum spjegattiv tar-regolament propost, p. 7 u l-evalwazzjoni tal-impatt li takkumpanjah, p. 11-13 u 25-28.

<sup>(11)</sup> KUMM(2011) 453 finali.

<sup>(12)</sup> Ara Artikoli 76(2) u (3) u 77 tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni u ditti ta' investment f'konglomerat finanzjarju, KUMM(2011) 453 finali (id-"direttiva CRD IV proposta"). Ara wkoll Artikolu 395 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment, KUMM(2011) 452 finali (ir-"regolament CRD IV propost").

Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 <sup>(13)</sup>. Għalhekk biex tiġi żgurata konsistenza bejn ir-regolament propost u l-proviżjonijiet korrispondenti fil-leġiżlazzjoni settorjali, L-ECB tirrakomanda li tiġi ikkjari-fikata in-natura tal-obbligazzjoni imposta fuq istituzzjonijiet finanzjarji fir-regolament propost.

*Referenzi għal gradazzjonijiet esterni fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

- 1.3. Taħt ir-regolament propost l-ABE, l-AEAPX u l-AETS m'għandhomx jirreferu għal gradazzjonijiet tal-kreditu fil-linji gwida, rakkomandazzjonijiet u abbozzi ta' standards tekniċi tagħhom fejn dawn ir-referenzi jkollhom il-potenzjal li jiskattaw dipendenza mekkanistika fuq gradazzjonijiet tal-kreditu minn awtoritajiet kompetenti jew parteċipanti fis-swieq finanzjarji <sup>(14)</sup>. Ir-regolament propost jissuġġerixxi wkoll illi, sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS jirrevedu u jneħħu, fejn xieraq, ir-referenzi kollha għal gradazzjonijiet tal-kreditu fil-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet eżistenti <sup>(15)</sup>. Rekwiżit simili huwa impost fuq il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fir-rigward tat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu <sup>(16)</sup>.
- 1.4. Il-BĊE jifhem illi l-emendi kollha proposti huma intiżi sabiex jimplementaw il-prinċipji tal-FSB li jstiednu lil min jiffissa l-istandards u 'l-awtoritajiet biex jivvaluta r-referenzi għall-gradazzjonijiet ta' CRA fi standards, liġijiet u regolamenti u, kull fejn huwa possibbli, ineħħihom jew ibiddilhom ma' standards alternattivi ta' affidabbiltà kreditizja adegwati' <sup>(17)</sup>. Madankollu, waqt li jista' jkun rakkomandabbli li jitneħħew dispożizzjonijiet li jimponu rikors obbligatorju għal gradazzjonijiet esterni minn leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali jew ukoll ir-referenzi kollha għal gradazzjonijiet esterni sal-punt li dawn ir-rekwiżiti jew referenzi għal gradazzjonijiet esterni jistgħu jkunu interpretati bħala li jinkoraġġixxu rikors 'mekkanistiku' għal dawn il-gradazzjonijiet, il-BĊE għandu jirrakkomanda l-kawtela fir-rigward tal-abbozzar propost fil-fuq imsemmija dispożizzjonijiet tar-regolament propost <sup>(18)</sup>, peress illi dan jista' jkun diffiċli biex jiġi applikat.
- 1.5. L-ewwel, fir-rigward tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASEi), il-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni ta' Livell 1 tirreferi għal gradazzjonijiet tal-kreditu esterni jew valutazzjonijiet tal-kreditu. Dan huwa, pereżempju, il-każ fil-leġiżlazzjoni bankarja tal-Unjoni li tirreferi għal valutazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet għall-valutazzjoni tal-kreditu esterni (ECAIs) <sup>(19)</sup> u titlob formalment lill-ABE biex tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi fir-rigward ta' valutazzjonijiet tal-kreditu <sup>(20)</sup>. Abbozzi ta' standards tekniċi żviluppatti mill-ASEi huma adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa li jinsabu fil-leġiżlazzjoni Livell 1 <sup>(21)</sup> u jimmiraw li jissupplementaw jew jispeċifikaw aktar dawn id-dispożizzjonijiet. Għalhekk, projbizzjoni ta' referenzi għal valutazzjonijiet tal-kreditu fit-testi fuq imsemmija tidher diffiċli biex tiġi applikata, anke jekk ċertu grad ta'deċiżjoni tħalla lill-ASEi permezz tal-kliem "fejn xieraq" <sup>(22)</sup>. B'mod partikolari, il-valutazzjoni ta' jekk referenzi għal valutazzjonijiet tal-kreditu effettivament għandhomx il-potenzjal biex jiskattaw dipendenza mekkanistika, minflok ma jippermettu valutazzjoni informata minn investituri u parteċipanti fis-suq, hija suġġettiva, li jirrendi problematika l-introduzzjoni tagħha bħala rekwiżit legali fir-regolament propost
- 1.6. It-tieni, fir-rigward tal-BERS, il-fuq imsemmija projbizzjoni ta' referenzi għal valutazzjonijiet tal-kreditu fit-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS tidher ukoll sproporzjonata peress illi l-valutazzjonijiet tal-kreditu jikkostitwixxu sors validu ta' informazzjoni u jipprovdu punti ta' riferiment jew mudelli li jstgħu jintużaw mill-BERS fil-kuntest tal-kompiti tiegħu.

<sup>(13)</sup> ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1. Ara wkoll l-Artikoli 1 u 2 tad-direttiva proposta.

<sup>(14)</sup> Artikolu 1(6) tar-regolament propost, Artikolu 5b ġdid, l-ewwel paragrafu.

<sup>(15)</sup> Ara n-nota fqiegħ il-paġna nru 14.

<sup>(16)</sup> Artikolu 1(6) tar-regolament propost, Artikolu 5b ġdid, it-tieni paragrafu.

<sup>(17)</sup> Ara l-prinċipji FSB, Prinċipju I, Tnaqqis tad-dipendenza fuq il-gradazzjonijiet CRA fi standards, liġijiet u regolamenti.

<sup>(18)</sup> Ara l-Artikolu 1(6) tar-regolament propost., Artikolu 5b ġdid.

<sup>(19)</sup> Ara, pereżempju, fir-rigward ta' valutazzjonijiet ta' kreditu minn ECAIs, l-Artikoli 80 sa 83 u 96 sa 99 ta' u Annessi VI u IX tad-Direttiva 2006/48/KE, Artikoli 130 u dawk li jsegu tar-regolament CRD IV propost u Artikoli 109a(1)(b) u 111(1)(n) tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2003/71/KE, 2003/41/KE u 2009/138/KE fir-rigward tal-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq (KUMM(2011) 8 finali (minn hawn 'il quddiem "id-direttiva proposta Omnibus II").

<sup>(20)</sup> Ara l-Artikoli 81(2) u 97(2) tad-Direttiva 2006/48/KE.

<sup>(21)</sup> Ara, pereżempju, Artikolu 81(2), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 131(1) tar-regolament propost dwar is-CRD IV u Artikolu 111(1)(n) tad-direttiva proposta "Omnibus II".

<sup>(22)</sup> Kif issuġġerit fl-Artikolu 1(6) tar-regolament propost, Artikolu 5b ġdid, l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu.

- 1.7. B'mod ġenerali, il-BĊE jappoġġa l-fehma tal-FSB li l-CRAs għandhom rwol importanti u li l-gradazzjonijiet tagħhom jistgħu jintużaw b'mod xieraq minn ditti bħala parti mill-proċessi interni tagħhom għall-valutazzjoni tal-kreditu <sup>(23)</sup>. F'dan il-kuntest, ir-raġuni tar-riforma preżenti hija li titnaqqas id-dipendenza żejda fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu esterni u li tittejjeb il-kwalità tagħhom imma mhux li jiġi eliminat l-użu tagħhom. Fl-istess ħin, l-użu ta' gradazzjonijiet ta' CRAs minn ditta ma jnaqqasx mir-responsabbiltà tagħha li tiżgura li l-iskoperturi ta' kreditu tagħha huma bbażati fuq valutazzjonijiet sodi <sup>(24)</sup>. Il-BĊE jappoġġa l-approċċ gradwali mħeġġeġ mill-FSB u jinnota illi referenzi għal gradazzjonijiet ta' CRAs għandhom jitnehew jew jiġu mibdula biss meta jkunu ġew identifikati u jkunu jistgħu jiġu implimentati alternattivi kredibbli b'mod sikur F'dan il-kuntest, huwa neċessarju li dawk li jiffissaw l-istandards u l-awtoritajiet jiżviluppaw pjanijiet u skedi għat-tranżizzjoni sabiex itnehija jew it-tibdil ta' referenzi għal gradazzjonijiet ta' CRAs kull fejn huwa possibbli u t-tisħiħ assoċjat fil-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskju jiġu introdotti b'mod sikur.
- 1.8. Il-BĊE jirrakkomanda illi l-Artikolu 1(6) tar-regolament propost <sup>(25)</sup> jinbidel bi premissa fir-regolament propost illi tfakkar lill-awtoritajiet pubbliċi dwar l-importanza li fejn xieraq isir kontribut għall-oġġettiv fuq imsemmi li titnaqqas id-dipendenza eċċessiva fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu esterni. Il-BĊE jinnota wkoll illi taħt id-direttiva proposta CRD IV <sup>(26)</sup> l-ABE, f'kooperazzjoni mal-AEAPX u l-AETS, għandha tippubblika rapport ta' kull sitt xhur dwar il-punt sa fejn il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tirreferi għal gradazzjonijiet esterni u dwar passi meħuda minn Stati Membri biex inaqqsu dawn ir-referenzi Il-BĊE jirrakkomanda illi l-ASEi, wara li jkunu kkunsidraw il-kontributi tal-BĊE u tal-BERS, jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar soluzzjonijiet alternattivi jew kumplimentari possibbli fir-rigward ta' referenzi għal gradazzjonijiet esterni fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali.
- 1.9. Għall-finijiet ta' informazzjoni, Anness II għal din l-Opinjoni jiddeskrivi l-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-kreditu użati mill-Eurosistema fil-kuntest ta' eliġibbiltà ta' kollateral għal operazzjonijiet ta' likwidità.

## 2. **Aġenziji għall-gradazzjoni tal-kreditu u istituzzjonijiet għall-valutazzjoni tal-kreditu esterni**

*Valutazzjonijiet tal-kreditu esterni u l-eliġibbiltà ta' ECAIs*

- 2.1. Regolament (KE) Nru 1060/2009 jistipula illi aġenzija tal-kreditu għandha tapplika għal reġistrazzjoni bħala kundizzjoni biex tiġi rikonoxxuta bħala ECAI <sup>(27)</sup> skont id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u t-tkomplija tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(28)</sup> u li din il-proċedura ta' reġistrazzjoni m'għandhiex tieħu post il-proċess stabbilit li ECAIs jiġu rikonoxxuti skont id-Direttiva 2006/48/KE <sup>(29)</sup>.
- 2.2. Taħt ir-regolament propost CRD IV <sup>(30)</sup>, il-proċedura għar-rikonoxximent ta' ECAI minn awtoritajiet kompetenti tirriżulta f'eliġibbiltà "awtomatika" ta' CRAs li huma rreġistrati jew iċċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Dan japplika wkoll għall-banek ċentrali li jgħorġu gradazzjonijiet tal-kreditu li huma eżenti minn dak ir-Regolament <sup>(31)</sup>. Il-BĊE jappoġġa l-proċedura ġdida li tinsab fir-regolament propost CRD IV, peress illi ser tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' rikonoxximent għal ECAIs u tiżgura konsistenza kross-settorjali <sup>(32)</sup>. Għall-finijiet taċ-ċarezza legali u t-trasparenza, il-BĊE madankollu jissuġġerixxi li jiġi ċċarat aktar fi premissa tar-regolament propost illi d-dħul fis-seħħ tar-regolament propost CRD IV għandu jimplika rikonoxximent awtomatiku tal-fuq imsemmija CRAs u banek ċentrali (bħala ECAIs) u li hemm hteġa li tiġi ddefinita l-korrispondenza bejn il-valutazzjonijiet tal-kreditu u l-livelli tal-kwalità tal-kreditu, jiġifieri l-immappjar.

<sup>(23)</sup> Ara l-prinċipju tal-FSB, Prinċipju II.

<sup>(24)</sup> Ara n-nota fqiegħ il-paġna nru 23.

<sup>(25)</sup> Artikolu 1(6) tar-regolament propost, Artikolu 5b ġdid.

<sup>(26)</sup> Artikolu 150(2) tad-direttiva proposta CRD IV.

<sup>(27)</sup> Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

<sup>(28)</sup> ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

<sup>(29)</sup> Ara Premessa 44 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

<sup>(30)</sup> Ara Artikoli 130(2) u 262(2) tar-regolament propost CRD IV.

<sup>(31)</sup> Qabbel l-Artikoli 130, 131 u 131 tar-regolament propost CRD IV u l-Artikoli 81 u 97 ta' u Parti II ta' Anness VI tad-Direttiva 2006/48/KE.

<sup>(32)</sup> Ara paragrafu 6.4 tal-Opinjoni CON/2011/42 tal-4 ta' Mejju 2011 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2003/71/KE u 2009/138/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

*Immappjar u l-indiċi Ewropew għall-gradazzjoni*

- 2.3. Ir-regolament propost jipprovdi għat-twaqqif mill-AETS ta' Indiċi Ewropew għall-Gradazzjoni, li ser jinkludi l-gradazzjonijiet tal-kreditu kollha ppreżentati lill-AETS kif ukoll indiċi għall-gradazzjoni aggregata għal kull strument ta' dejn iggradat<sup>(33)</sup>. L-indiċi u l-gradazzjonijiet tal-kreditu individwali ser ikunu ppubblikati fuq il-websajt tal-AETS. Taħt ir-regolament propost, il-gradazzjonijiet ippreżentati lill-AETS ser ikunu bbażati fuq skala ta' gradazzjoni armonizzata<sup>(34)</sup>.
- 2.4. Waqt li l-BĊE jappoġġa t-trasparenza, l-interoperabbiltà u l-paragunabbiltà msaħħa ta' gradazzjonijiet minn parteċipanti fis-suq, għandu madankollu jkun żgurat, minħabba l-effetti negattivi possibbli fuq il-kompetizzjoni u fuq id-diversità ta' metodi ta' gradazzjoni, li skala ta' gradazzjoni armonizzata ma tagħmilx pressjoni fuq CRAs biex jarmonizzaw il-metodoloġiji u l-proċessi.
- 2.5. Barra minn dan, il-BĊE jinnota illi l-ABE u l-AEAPX ser jiżviluppaw proċeduri ta' immappjar fis-setturi bankarji<sup>(35)</sup> u tal-assigurazzjoni<sup>(36)</sup>. Minħabba n-natura kross-settorjali ta' dawn il-kwistjonijiet, ikun xieraq li l-eżerċizzji ta' immappjar jiġu kkoordinati, possibbilment permezz tal-Kumitat Konġunt tal-ASEI<sup>(37)</sup>. F'dan il-kuntest, il-BĊE jirrakkomanda li titħassar ir-referenza għall-iskala ta' gradazzjoni armonizzata u jissuġġerixxi li, sa Diċembru 2015, l-AETS, f'kooperazzjoni mal-ABE, l-AEAPX u l-BĊE, jagħmel rieżami tal-fattibbiltà li titwaqqaf skala ta' gradazzjoni armonizzata għal gradazzjonijiet maħruġa minn CRAs irreġistrati u ċertifikati u li tirrapporta lill-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni. Dan għandu jinvolvi wkoll is-sostituzzjoni ta' referenzi għal 'indiċi ta' gradazzjoni Ewropea' bi 'pjattaforma ta' gradazzjoni Ewropea' fir-regolament propost.

### 3. **Osservazzjonijiet oħrajn**

*Gradazzjonijiet sovrani*

- 3.1. Il-BĊE jappoġġa l-inizjattivi meħuda biex jissaħħu t-trasparenza u l-iżvelar tal-metodoloġija u l-proċess ta' gradazzjoni fir-rigward ta' dejn sovrani<sup>(38)</sup>. Ir-regolament propost jintroduċi reġim speċjali fir-rigward tal-frekwenza tar-rieżami u l-proċedura għall-ħruġ ta' gradazzjonijiet sovrani. Il-BĊE jilqa' dawn il-bidliet proposti u partikolarment il-proposta li CRAs jintalbu jevalwaw gradazzjonijiet sovrani b'mod aktar frekwenti. Waqt li l-gradazzjonijiet għandhom ikunu ppubblikati biss wara l-għeluq tan-negozju u mill-anqas siegħa qabel il-ftuħ tal-postijiet tan-negozju fl-Unjoni, il-BĊE jqis illi jistgħu jittieħdu inizjattivi oħra sabiex jittaffew l-effetti pro-ċikliċi potenzjali ta' bidliet fil-gradazzjonijiet. Il-BĊE jirrakkomanda li jiġu esplorati modi biex titnaqqas il-volatilità kkawżata miż-żmien meta jsiru l-bidliet fil-gradazzjoni, partikolarment meta emittent huwa osservat għall-gradazzjoni u jinsab qrib li jitlef l-istatus tal-grad ta' investiment tiegħu kif ukoll meta qed jiġi kkontemplat tnaqqis potenzjali ta' bosta livelli. F'dawn is-sitwazzjonijiet, jistgħu jiġu esplorati aktar proposti għal komunikazzjoni aktar frekwenti lis-suq b'mezzi li jtaffu t-tnaqqis sostanzjali mhux mistenni.

Barra minn dan, il-BĊE jinnota illi r-regolament propost jistipula illi aġenziji tal-gradazzjoni jakkompanjaw kull gradazzjoni sovrana maħruġa jew prospetti ta' gradazzjoni relatata b'rapport ta' riċerka dettaljat li jispjega l-assunzjonijiet, il-parametri, il-limiti u l-inċertezzi kif ukoll kull element ieħor ikkunsidrat fid-determinazzjoni ta' dik il-gradazzjoni jew prospett<sup>(39)</sup>. F'dan ir-rigward, jista' jkun xieraq li uħud minn dawn ir-rekwiżiti jiġu estiżi għal tipi oħra ta' gradazzjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti għal informazzjoni dettaljata dwar l-assunzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi li jiġġustifikaw ir-raġunijiet għall-bidla fil-gradazzjoni u l-piż relattiv tagħhom.

*Indipendenza ta' CRAs*

- 3.2. Il-BĊE jappoġġa l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati kwistjonijiet marbutin mal-indipendenza ta' CRAs. Madankollu, peress illi l-mudell attwali ta' finanzjament ta' gradazzjonijiet "l-emittent iħallas" jista' jkun sors ta' kunflitt ta' interess u għalhekk jista' jkollu effett li jgħawweġ

<sup>(33)</sup> Artikolu 1(14) tar-regolament propost, Artikolu 11a ġdid.

<sup>(34)</sup> Artikoli 1(14) u 1(18) tar-regolament propost, Artikoli 11(a)(1) u 21(4a) ġodda.

<sup>(35)</sup> Ara Artikoli 131 u 265 tar-regolament propost CRD IV u l-linji gwida reveduti tal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej dwar ir-rikonoxximent ta' Istituzzjonijiet għall-Valutazzjoni tal-Kreditu Esterni, 30 ta' Novembru 2010, Parti 3, disponibbli fuq il-websajt tal-ABE fuq <http://www.eba.europa.eu>

<sup>(36)</sup> Ara l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2003/71/KE u 2009/138/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, kompromess tal-Presidenza tal-21 ta' Settembru 2011, disponibbli fuq il-websajt tal-Kunsill fuq <http://register.consilium.europa.eu>

<sup>(37)</sup> Ara Opinjoni CON/2011/42, paragrafu 6.4.

<sup>(38)</sup> Ara t-tweġiba tal-Eurosistema, paragrafu 2.1.

<sup>(39)</sup> Anness I, punt 6 tar-regolament propost.



il-gradazzjonijiet <sup>(40)</sup>, huma ġġustifikati soluzzjonijiet aktar mifruxa fuq mudelli għal kumpens alternattiv Għaldaqstant il-BĊE jilqa' l-ħidma kontinwa tal-Kummissjoni fuq il-monitoraġġ tal-adegwatezza ta' mudelli ta' remunerazzjoni ta' CRAs u jħares 'il quddiem lejn il-preżentazzjoni ta' rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sal-aħħar tal-2012, waqt li jitqies ukoll ix-xogħol f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, inkluż l-Istati Uniti <sup>(41)</sup>.

- 3.3. Waqt li l-BĊE jappoġġa l-proposti għal regoli aktar stretti fir-rigward tal-istruttura tal-azzjonijisti ta' CRAs <sup>(42)</sup>, il-BĊE jirrakkomanda illi l-Kummissjoni tirrevedi l-limitu propost ta' 5 % <sup>(43)</sup> sabiex tiżgura l-effettività tiegħu.

#### *Prinċipji ta' rotazzjoni*

- 3.4. Waqt li l-BĊE jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-introduzzjoni ta' regola dwar ir-rotazzjoni, jiġifieri li relazzjonijiet li ilhom għaddejjin mal-istess entitajiet iggradati jistgħu jikkompromettu l-indipendenza ta' gradazzjonijiet, il-possibbiltà ta' konsegwenzi mhux intenzi jista' jkollha bżonn tiġi evalwata aktar <sup>(44)</sup>. L-ewwel, għalkemm regola dwar ir-rotazzjoni għandha twassal għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess li jirriżultaw mill-mudell 'l-emittent iħallas', għandu jkun evitat illi r-rotazzjoni ta' CRAs ikollha impatt negattiv fuq il-kwalità ta' gradazzjonijiet, b'mod partikolari peress illi jista' jkun hemm riskju li parteċipanti ġodda jistgħu jikkompetu billi joffru gradazzjonijiet eżaġerati jew billi jbaxxu l-prezzijiet. It-tieni, regola dwar ir-rotazzjoni m'għandhiex twassal għal *pools* ta' dejta li ma jtkomplewx peress illi dan joħloq kwistjonijiet fir-rigward tal-validazzjoni ta' mudelli ta' gradazzjoni. It-tielet, sabiex din id-dispożizzjoni tkun effettiva, jeħtieġ li jkun żgurat illi hemm għażla biżżejjed ta' CRAs li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi kollha, speċjalment fir-rigward tal-ħruġ ta' gradazzjonijiet speċifiċi, bħal ma huma daww għal prodotti ta' finanzjament strutturat. Għalhekk, id-determinazzjoni tan-numru eżatt ta' snin li warajhom għandha sseħħ ir-rotazzjoni tista' tiġġustifika analiżi ulterjuri. Fl-aħħar, l-interazzjoni mal-valutazzjoni li jmiss tal-mudell 'li fih l-emittent iħallas' <sup>(45)</sup> għandha wkoll tkun ikkunsidrata f'dan ir-rigward.

#### *Metodoloġiji*

- 3.5. Il-BĊE jappoġġa l-kompiti proposti assenjati lill-AETS fir-rigward tal-konformità ta' metodoloġiji ġodda jew emendati ta' CRAs <sup>(46)</sup>. Il-BĊE jirrakkomanda li jiġi ċċarat illi l-irwol tal-AETS huwa limitat għall-verifika tal-konformità tal-metodoloġiji mar-regoli applikabbli. Barra minn dan, jista' jkun iġġustifikat li tiġi speċifikata proċedura applikabbli u qafas ta' żmien biex jiġi żgurat illi l-verifika mill-AETS ma żżommx lil CRAs milli joħorġu gradazzjonijiet ġodda. Il-BĊE jilqa' wkoll il-proposta biex tkun mitluba aktar gwida li tista' tintfiehmed faċilment dwar metodoloġiji u suppożizzjonijiet sottostanti wara l-gradazzjonijiet tal-klassijiet kollha tal-assi. Finalment, il-BĊE jilqa' l-introduzzjoni ta' konsultazzjoni pubblika dwar bidliet maħsuba għall-metodoloġiji, mudelli jew suppożizzjonijiet ewlenin tal-gradazzjoni.

#### *Regoli dwar strumenti ta' finanzjament strutturat*

- 3.6. Il-BĊE jilqa' l-proposta biex tiżdied it-trasparenza fir-rigward tal-istrumenti ta' finanzjament strutturat <sup>(47)</sup>. B'mod partikolari, il-BĊE jappoġġa r-rekwiżit propost għall-iżvelar ta' informazzjoni dettaljata dwar strumenti ta' finanzjament strutturat <sup>(48)</sup>, jiġifieri permezz ta' websajt ċentralizzata <sup>(49)</sup> u r-rekwiżit ta' żewġ gradazzjonijiet tal-kreditu għal strumenti ta' finanzjament strutturat <sup>(50)</sup>. Dwar dawn l-aspetti, il-BĊE jixtieq jenfasizza dan li ġej:
- 3.7. L-ewwel, bil-ħsieb li tkun żgurata konsistenza kross-settorjali u tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' regoli, ir-relazzjoni bejn ir-rekwiżiti għall-iżvelar għal emittenti, oriġinaturi u sponsors ta' prodotti ta' finanzjament strutturat fir-regolament propost u rekwiżiti għall-iżvelar simili għal titolizzazzjonijiet f'setturi speċifiċi għandha tiġi ċċarata <sup>(51)</sup>.

<sup>(40)</sup> Ara t-tweġiba tal-Eurosistema, paragrafu 5.

<sup>(41)</sup> Ara l-Artikolu 1(24) tar-regolament propost, Artikolu 39(1).

<sup>(42)</sup> Ara l-Artikolu 1(8) tar-regolament propost, Artikolu 6a.

<sup>(43)</sup> Ara l-Artikolu 1(8) tar-regolament propost, Artikolu 6a(1)(a).

<sup>(44)</sup> Artikolu 1(8) tar-regolament propost, Artikolu 6b ġdid.

<sup>(45)</sup> Artikolu 39(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

<sup>(46)</sup> Artikolu 1(10) u (19) tar-regolament propost.

<sup>(47)</sup> Artikolu 1(11) tar-regolament propost.

<sup>(48)</sup> Artikolu 1(11) tar-regolament propost, Artikolu 8a(1) (ġdid).

<sup>(49)</sup> Artikolu 1(11) tar-regolament propost, Artikolu 8a(4) (ġdid).

<sup>(50)</sup> Artikolu 1(11) tar-regolament propost, Artikolu 8b (ġdid).

<sup>(51)</sup> Ara pereżempju Artikolu 122a ta' Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 17 ta' Direttiva 2011/61/UE, Artikolu 50a ta' Direttiva 2009/65/KE u Artikolu 135 ta' Direttiva 2009/138 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1)

- 3.8. It-tieni, l-inizjattiva dwar informazzjoni fuq livell ta' self fuq titoli ggarantiti minn assi tal-Eurosistema (ABSs) tistabbilixxi rekwiżiti ta' informazzjoni speċifika dwar kull self għal ABSs aċċettati bħala kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Hija għandha l-għan li żżid it-trasparenza u tipprovdi informazzjoni aktar f'waqtha dwar is-self sottostanti u l-prestazzjoni tiegħu lil parteċipanti fis-suq b'format standardizzat. F'dan ir-rigward, il-BĊE għandu jinnotta sinerġiji possibbli li jridu jiġu segwiti mill-AETS waqt l-elaborazzjoni tal-kontenut u l-formati għar-rapportar ta' informazzjoni dwar prodotti ta' finanzjament strutturat <sup>(52)</sup>.
- 3.9. It-tielet, il-BĊE jilqa' inizjattivi li jikkontribwixxu għat-titjib tar-rekwiżiti ta' trasparenza fis-swieq tal-istrumenti ta' finanzjament strutturat u bonds koperti u l-armonizzazzjoni ta' rekwiżiti għall-iżvelar f'dan il-qasam. F'dan il-kuntest, il-BĊE jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li sal-1 ta' Lulju 2015 tiġi 'vvalutata l-ħtieġa li jiġi estiż l-ambitu tar-rapportar, *inter alia*, għal bonds koperti <sup>(53)</sup>. Il-BĊE jinnotta wkoll illi inizjattivi relatati mat-trasparenza tas-suq tal-bonds koperti huma meqjusin bħala inizjattivi leġiżlattivi għaddejnin, pereżempju fir-regolament propost CRD IV <sup>(54)</sup>. Għalhekk, huwa importanti li tiġi żgurata l-konsistenza ta' dawn l-inizjattivi varji. Peress illi r-regolament propost jirregola primarjament l-attivitàjiet CRA, l-inizjattivi msemmija aktar 'il fuq dwar it-trasparenza u l-iżvelar għal bonds koperti għandhom jinkludu evalwazzjoni biex jiġu ddeterminati l-mezzi leġiżlattivi xierqa tal-Unjoni għall-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri, jiġifieri, pereżempju fil-qafas tar-regolament propost u/jew fl-evalwazzjoni settorjali oħra rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finazjarji.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda illi r-regolament propost jiġi emendat, għal dan il-għan qed jiġu ppreżentati proposti speċifiċi għall-abbozzar fl-Anness I flimkien ma' test spjegattiv.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' April 2012.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

<sup>(52)</sup> 52 Artikolu 1(11) tar-regolament propost, Artikolu 8a(3) (ġdid).

<sup>(53)</sup> Artikolu 1(24) tar-regolament propost, Artikolu 39(4) (ġdid).

<sup>(54)</sup> Artikolu 478 tar-regolament propost CRD IV, kompromess tal-Presidenza tal-1 ta' Marzu 2012, disponibbli fuq il-websajt tal-Kunsill fuq <http://register.consilium.europa.eu>

## ANNEX I

## Proposti għall-abbozzar għad-direttiva proposta

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE <sup>(1)</sup>
-------------------------------	---

## Emenda 1

Premessa 3a tar-regolament propost (ġdida)

L-ebda test	“(3a) Il-prinċipji tal-FSB dwar it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu jiddikjaraw illi dawk li jiffissaw l-istandards u l-awtoritajiet tal-istandards għandhom jevalwaw ir-referenzi għall-gradazzjonijiet tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu fi standards, liġijiet u regolamenti u, kull fejn dan ikun possibbli, ineħħuhom jew jibdluhom ma’ standards ta’ affidabbiltà kreditizja alternattivi adegwati. Dan l-approċċ għandu jkun inkoraġġut ukoll f’livell ta’ Unjoni. Awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-bżonn li tiġi evitata d-dipendenza kemm eċċessiva kif ukoll mekkanistika fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu minn awtoritajiet kompetenti u parteċipanti fis-suq finanzjarju u għandhom jikkontribwixxu kif xieraq għal dan il-għan.”
-------------	--

## Spjegazzjoni

L-emenda proposta tirrifletti l-prinċipju tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) li titnaqqas id-dipendenza fuq il-gradazzjonijiet ta’ aġenzija li tiggrada l-kreditu (CRA) u tipproponi li l-awtoritajiet pubbliċi kollha rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali jikkontribwixxu għal dan il-għan (ara wkoll Emendi 4 u 5).

## Emenda 2

Premessa 21a tar-regolament propost (ġdida)

L-ebda test	“(21a) Bid-dħul fis-seħħ ta’ Regolament (UE) Nru xx/201x tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ xx xxx 201x <sup>(2)</sup> dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti tal-investiment, aġenziji tal-gradazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati skont dan ir-Regolament u banek ċentrali li joħorġu gradazzjonijiet tal-kreditu li huma eżentati mill-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament ser jikkwalifikaw awtomatikament bħala ECAI għal finijiet regolatorji.”
-------------	--

## Spjegazzjoni

Fir-rigward tal-interazzjoni bejn ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u r-reġim għar-rikonoxximent ta’ istituzzjonijiet li jiggradaw il-kreditu esterni (ECAIs) taħt id-Direttiva 2006/48/KE, il-BĊE diġà nnota illi għandu jiġi evitat ix-xogħol ripetut ta’ proċeduri u rekwiżiti għaljin li jidħlu f’xulxin <sup>(3)</sup>. Premessa 44 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tinnota illi dak ir-regolament m’għandux jiehru post il-proċess ta’ rikonoxximent ta’ ECAIs taħt id-Direttiva 2006/48/KE. Madankollu, billi r-regolament propost CRD IV jiddefinixxi ECAIs bħala l-CRAs kollha li ġew irreġistrati jew iċċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jew banek ċentrali li joħorġu gradazzjonijiet tal-kreditu li huma eżentati minn Regolament (KE) Nru 1060/2009, fi premessa ġdida l-BĊE jirrakkomanda li jissemma’ diġa’ illi l-proċedura ta’ rikonoxximent imsemmija aktar ‘il fuq ser tkun skaduta bid-dħul fis-seħħ tar-regolament propost CRD IV. F’dan ir-rigward, l-Artikolu 2(3) ta’ Regolament (KE) Nru 1060/2009 ser ikollu bżonn jiġi emendat ladarba r-regolament propost CRD IV ikun fis-seħħ.

## Emenda 3

Artikolu 1(2a) tar-regolament propost (ġdid)  
Emenda għall-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

L-ebda test	“4. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 2(d), il-Kummissjoni, wara t-tressiq ta’ talba
-------------	---

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE <sup>(1)</sup>
	<p>minn Stat Membru <b>u wara li tkun ikkonsultat lill-BĊE u lill-AETS</b>, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 38(3) u skont il-punt (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tista' tadotta deċiżjoni li tiddikjara li bank ċentrali jaqa' fl-ambitu ta' dak il-punt u li l-gradazzjonijiet tiegħu ta' kreditu għalhekk huma eżenti mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament <b>u tinforma lill-AETS b'dan.</b></p> <p><del>Il-Kummissjoni L-AETS</del> għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha l-lista tal-banek ċentrali li jaqgħu fl-ambitu tal-punt (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.”</p>

## Spjegazzjoni

Meta tkun qed tevalwa standards ta' kreditu ta' assi eliġibbli, l-Eurosisistema tqis l-ewalwazzjonijiet tal-kreditu miksuba minn sorsi differenti, inkluż is-sistemi ta' ewalwazzjoni tal-kreditu in-house imħaddmin minn xi banek ċentrali nazzjonali (BĊNi). Dawn is-sistemi huma diġà suġġetti għal validazzjoni fil-fond u monitoraġġ komprensiv tal-prestazzjoni mill-Eurosisistema. Fir-rigward ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġin minn BĊNi, sabiex tibbenefika mill-kompetenza tal-BĊE f'dan il-qasam, il-BĊE jirrakkomanda illi l-Kummissjoni tikkonsulta lill-BĊE u lill-AETS qabel ma tiddeċiedi dwar l-eżenzjoni.

Skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-AETS tippubblika fuq il-websajt tagħha lista ta' CRAs irreġistrati skont dak ir-regolament. Huwa propost illi l-AETS tippubblika wkoll fuq il-websajt tagħha l-lista ta' banek ċentrali eżentati.

## Emenda 4

Artikolu 1(6) tar-regolament propost  
Emenda għall-Artikolu 5a propost tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

<p>“Artikolu 5a</p> <p>Dipendenza żejda fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet finanzjarji</p> <p>Istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investment u impriżi tar-riassigurazzjoni, istituzzjonijiet għall-provvedimenti ta' wara l-irtirar mill-impieg, kumpaniji ta' ġestjoni u investment, ġesturi ta' fondi ta' investmenti alternattivi u kontrapartijiet ċentrali kif definiti fir-Regolament (UE) Nru xx/201x tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx xxx 201x dwar derivattivi tal-OTC, kontrapartijiet ċentrali u repożitorji tal-kummerċ għandhom jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tagħhom stess u ma għandhomx jistrieħu biss jew jistrieħu mekkanikament fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' entità jew strument finanzjarju. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli tas-supervizzjoni ta' dawn l-impriżi għandhom jiċċekkjaw mill-qrib l-adeqwatezza tal-proċessi ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-impriżi.”</p>	<p>“Artikolu 5a</p> <p>Dipendenza żejda fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet finanzjarji</p> <p>Istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investment u impriżi tar-riassigurazzjoni, istituzzjonijiet għall-provvedimenti ta' wara l-irtirar mill-impieg, kumpaniji ta' ġestjoni u investment, ġesturi ta' fondi ta' investmenti alternattivi u kontrapartijiet ċentrali kif definiti fir-Regolament (UE) Nru xx/201x tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx xxx 201x dwar derivattivi tal-OTC, kontrapartijiet ċentrali u repożitorji tal-kummerċ għandhom <b>jiżviluppaw u japplikaw proċeduri interni u metodoloġiji adegwati sabiex ikunu jistgħu</b> jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tagħhom stess <b>skont ir-regoli settorjali speċifiċi li japplikaw għalihom</b> u ma għandhomx jistrieħu biss jew jistrieħu mekkanikament fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' entità jew strument finanzjarju. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli tas-supervizzjoni ta' dawn l-impriżi għandhom, <b>waqt li jqisu n-natura, l-iskala u l-komplessità tal-attivitajiet ta' impriża</b>, jiċċekkjaw mill-qrib l-adeqwatezza tal-proċessi ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-impriżi.”</p>
--	---

## Spjegazzjoni

Il-ħsieb wara l-emenda proposta huwa stipulat fil-paragrafi 1.1 u 1.2 ta' din l-Opinjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi proposti mill-BĊE <sup>(1)</sup>**Emenda 5**

Artikolu 1(6) tar-regolament propost  
Emenda għall-Artikolu 5b propost tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

**“Artikolu 5b**

Id-dipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

L-Awtorità Superviżorja Ewropea (L-Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) (EBA), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*) (L-AEAPX/EIOPA) u l-AETS ma għandhomx jirreferu għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fil-linji gwida, rakkommandazzjonijiet u abbozzi ta' standards tekniċi tagħhom, fejn referenzi bħal dawn għandhom il-potenzjal li jqanqlu dipendenza mekkanika fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu minn awtoritajiet kompetenti jew parteċipanti tas-suq finanzjarju. Skont dan, u sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jirrevedu u jneħħu fejn hu xieraq ir-referenzi kollha għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu f'linji gwida u r-rakkommandazzjonijiet eżistenti.

Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS/ESRB) stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea fuq is-sistema finanzjarja u li jstabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (\*\*\*) ma għandux jirreferi għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fit-twissijiet u r-rakkommandazzjonijiet tiegħu fejn referenzi bħal dawn għandhom il-potenzjal li jqanqlu dipendenza mekkanika fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.”

**“Artikolu 5b**

Id-dipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

L-Awtorità Superviżorja Ewropea (L-Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) (EBA), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*\*) (L-AEAPX/EIOPA) u l-AETS ma għandhomx jirreferu għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fil-linji gwida, rakkommandazzjonijiet u abbozzi ta' standards tekniċi tagħhom, fejn referenzi bħal dawn għandhom il-potenzjal li jqanqlu dipendenza mekkanika fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu minn awtoritajiet kompetenti jew parteċipanti tas-suq finanzjarju. Skont dan, u sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jirrevedu u jneħħu fejn hu xieraq ir-referenzi kollha għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu f'linji gwida u r-rakkommandazzjonijiet eżistenti.

Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS/ESRB) stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea fuq is-sistema finanzjarja u li jstabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (\*\*\*) ma għandux jirreferi għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fit-twissijiet u r-rakkommandazzjonijiet tiegħu fejn referenzi bħal dawn għandhom il-potenzjal li jqanqlu dipendenza mekkanika fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.”

**Spegjazzjoni**

Il-*ħsieb* wara l-emenda proposta huwa stipulat fil-paragrafi 1.3 sa 1.8 ta' din l-Opinjoni.

**Emenda 6**

Artikolu 1(14) tar-regolament propost  
Emenda għall-Artikolu 11a propost tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

**“Artikolu 11a**

L-Indiċi Ewropew tal-Klassifikazzjoni

1. Kwalunkwe aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu reġistrata u ċertifikata għandha, meta toħroġ klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospett tal-klassifikazzjoni, tressaq lill-AETS informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni, inklużi l-klassifikazzjoni u l-prospetti tal-istrument ikklassifikat, informazzjoni dwar it-tip ta' klassifikazzjoni, it-tip ta' azzjoni dwar il-klassifikazzjoni, id-data u l-ħin tal-pubblikazzjoni. Il-klassifikazzjoni mressqa għandha tkun ibbażata fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 21(4a).

2. L-AETS għandha tistabbilixxi Indiċi Ewropew tal-Klassifikazzjoni li jinkludi l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu kollha mressqa lill-AETS skont il-paragrafu 1 u indiċi

**“Artikolu 11a**

L-Indiċi **Pjattaforma** Ewropewa tal-Klassifikazzjoni

1. Kwalunkwe aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu reġistrata u ċertifikata għandha, meta toħroġ klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospett tal-klassifikazzjoni, tressaq lill-AETS informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni, inklużi l-klassifikazzjoni u l-prospetti tal-istrument ikklassifikat, informazzjoni dwar it-tip ta' klassifikazzjoni, it-tip ta' azzjoni dwar il-klassifikazzjoni, id-data u l-ħin tal-pubblikazzjoni. Il-klassifikazzjoni mressqa għandha tkun ibbażata fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 21(4a).

2. L-AETS għandha tistabbilixxi **Indiċi Pjattaforma** Ewropewa tal-Klassifikazzjoni li jinkludi l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu kollha mressqa lill-AETS skont il-paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE <sup>(1)</sup>
ta' klassifikazzjoni aggregat għal kwalunkwe strument ta' dejn klassifikat. L-indiċi u l-gradazzjonijiet tal-kreditu individwali ser ikunu ppubblikati fuq il-websajt tal-AETS."	<del>1</del> u indiċi ta' klassifikazzjoni aggregat għal kwalunkwe strument ta' dejn klassifikat. L-indiċi u l-gradazzjonijiet tal-kreditu individwali ser ikunu ppubblikati fuq il-websajt tal-AETS."

## Spjegazzjoni

Il-ħsieb wara l-emenda proposta huwa stipulat fil-paragrafi 2.3 sa 2.5 ta' din l-Opinjoni. It-titolu tal-Artikolu huwa modifikat bl-istess mod.

**Emenda 7**

Artikolu 1(18)(b) tar-regolament propost  
Emenda għall Artikolu 21(4a) propost tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

"4a. 'L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards regulatorji u tekniċi biex tispeċifika:  (a) skala ta' klassifikazzjoni standard armonizzata biex tiġi użata skont l- Artikolu 11a, minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati u ċertifikati, li se jkunu bbażati fuq il-metrika biex jitkejjel ir-riskju tal- kreditu u n-numru ta' kategoriji ta' klassifikazzjoni u tinqata' l-linja tal- valuri għal kull kategorija ta' klassifikazzjoni;  [...]."	"4a. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regulatorji biex tispeċifika:  (a) skala ta' klassifikazzjoni standard armonizzata biex tiġi użata skont l- Artikolu 11a, minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati u ċertifikati, li se jkunu bbażati fuq il-metrika biex jitkejjel ir-riskju tal- kreditu u n-numru ta' kategoriji ta' klassifikazzjoni u tinqata' l-linja tal- valuri għal kull kategorija ta' klassifikazzjoni;  [...]."
--	---

## Spjegazzjoni

Il-ħsieb wara l-emenda proposta huwa stipulat fil-paragrafi 2.3 sa 2.5 ta' din l-Opinjoni.

**Emenda 8**

Artikolu 1(18)(ba) tar-regolament propost (ġdid)  
Artikolu 21(4b) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 (ġdid)

L-ebda test	"4b Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-AETS, f'kooperazzjoni mal-ABE, l-AEAPX u l-BĊE għandha tagħmel rieżami tal-fattibbiltà li tiġi stabbilita skala ta' klassifikazzjoni armonizzata għal klassifikazzjonijiet li jinħarġu minn aġenziji li jikklassifikaw il-kreditu li huma rreġistrati u kklassifikati u tagħmel rapport lill-Kummissjoni."
-------------	--

## Spjegazzjoni

Il-ħsieb wara l-emenda proposta huwa stipulat fil-paragrafi 2.3 sa 2.5 ta' din l-Opinjoni.

**Emenda 9**

Artikolu 1(24)(c) tar-regolament propost (ġdid)  
Artikolu 39(5) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 (ġdid)

L-ebda test	"5. Sal-31 ta' Diċembru 2014, l-AETS, l-ABE u l-AEAPX għandhom jagħmlu rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżuri meħuda biex titnaqqas id-dipendenza eċċessiva fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni u jivvalutaw l-għażliet għal alternattivi jew kumplimenti għall-mudelli eżistenti. Il-BĊE u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, fir-rigward ta' aspetti ta' riskju sistemiku u makroprudenzjali, għandhom jikkontribwixxu għal dan ir-rapport."
-------------	---

## Spjegazzjoni

Il-ħsieb wara l-emenda proposta huwa stipulat fil-paragrafi 2.3 sa 2.8 ta' din l-Opinjoni.

<sup>(1)</sup> It-tipa skura fil-korp tat-test jindika fejn il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi t-tħassir ta' test.

<sup>(2)</sup> ĠU L ..., p.

<sup>(3)</sup> Paragrafu 8 ta' Opinjoni CON/2009/38.

## ANNEX II

## IL-QAFAS TAL-VALUTAZZJONI TAL-KREDITU TAL-EUROSISTEMA

1. Il-BĊE huwa kkonċernat direttament mis-servizzi pprovduti minn CRAs fil-kuntest ta' kompiti u obbligi tal-Eurosistema, partikolarment fir-rigward tat-tweqqif ta' operazzjonijiet ta' politika monetarja. Mingħajr preġudizzju għal Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu<sup>(1)</sup>, l-Eurosistema u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jiddefinixxu l-proċeduri, r-regoli u l-kriterji neċessarji biex jiġi żgurat illi r-reqwiziti ta' standards ta' kreditu għoljin għal assi eliġibbli għal operazzjonijiet ta' politika monetarja jkun sodisfatt u jiddeterminaw, kif xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu ta' gradazzjonijiet tal-kreditu fl-operazzjonijiet tal-banek ċentrali<sup>(2)</sup>.
2. Il-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema (ECAF) iqis il-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' sors wieħed sa erbgħa: Istituzzjonijiet Esterni għall-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAIs), sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu *in-house* (ICAs) ta' BĊNi, sistemi interni tal-kontropartijiet ibbażati fuq valutazzjonijiet interni, jew għodod għall-gradazzjoni ta' fornituri terzi. Dawn is-sistemi u għodod huma suġġetti għal kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali, li huma kkumpliementati minn proċess ta' monitoraġġ annwali tal-prestazzjoni skont il-qafas legali tal-Eurosistema dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja<sup>(3)</sup>. Barra minn hekk, l-Eurosistema tikkunsidra l-kriterji istituzzjonali u l-karatteristiċi li jiggarantixxu protezzjoni simili għad-detenturi ta' strumenti, bħal garanziji. Il-proċess ta' monitoraġġ tal-operat tal-ECAF jikkonsisti f'paragun annwali *ex post* tar-rata ta' inadempjenza osservata għas-sett tad-debituri kollha eliġibbli, jiġifieri il-pul statiku, u l-limitu ta' kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema mogħti mil-limitu ta' referenza tal-"probabbiltà ta' inadempjenza"<sup>(4)</sup> u jiddetermina l-livell massimu ta' riskju fuq il-kreditu illi l-Eurosistema hija lesta tassumi fl-operazzjonijiet standard tagħha ta' politika monetarja. Il-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni huwa intiż biex jiżgura illi r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-kreditu huma paragunabbli bejn is-sistemi u s-sorsi. Fl-istess ħin, l-Eurosistema tesprimi għidizzju fir-rigward ta' dawn il-valutazzjonijiet u tirriżerva d-dritt li tiċħad jew tillimita l-użu ta' assi fuq il-bażi ta' kwalunkwe informazzjoni dwar il-kwalità tal-kreditu tiegħu li hija tista' tqis bħala rilevanti.
3. Bħala parti mill-miżuri mħabbra f'Diċembru 2011 bħala appoġġ għas-self mill-banek u għall-attivitàjiet tas-suq tal-flus<sup>(5)</sup>, il-Kunsill Governattiv indika illi talbiet għal kreditu, eż. self mill-banek, għandhom ikunu eliġibbli fuq bażi aktar wiesgħa. Barra minn dan, il-Kunsill Governattiv laq<sup>(6)</sup> l-użu aktar wiesgħa ta' talbiet għal kreditu bħala kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema fuq il-bażi ta' kriterji armonizzati u ħabbar illi l-Eurosistema qed issaħħa il-kapaċitàjiet ta' valutazzjoni ta' kreditu interni tagħha. Hija tinkoraġġixxi wkoll lil fornituri ta' valutazzjoni ta' kreditu potenzjali esterni, jiġifieri, aġenziji ta' gradazzjoni u fornituri ta' għodod ta' gradazzjoni, u lil banek kummerċjali li jużaw sistema interna bbażata fuq il-gradazzjonijiet, biex ifittxu l-approvazzjoni tal-Eurosistema taħt l-ECAF<sup>(6)</sup>. Barra minn dan, huwa meħtieġ li l-BĊE u, b'mod partikolari, il-BĊNi tal-Eurosistema (peress illi l-informazzjoni dwar il-kontropartijiet ta' talba ta' kreditu hija disponibbli fl-livell nazzjonali), ikollhom f'posthom sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni. Għalhekk ser ikun neċessarju għal BĊNi tal-Eurosistema li jsaħħu l-abbiltà tagħhom li jivvalutaw kreditu li mhuwiex iġġradat minn CRAs. Preżentement, hemm erba' BĊNi li għandhom f'posthom sistemi ta' gradazzjoni interni<sup>(7)</sup>. Dawn is-sistemi huma diġà suġġetti għal validazzjoni fil-fond u monitoraġġ komprensiv tal-prestazzjoni mill-Eurosistema.
4. Fir-rigward ta' gradazzjonijiet sovrani, l-Eurosistema wriet l-indipendenza tagħha minn CRAs u għamlet il-għidizzju tagħha dwar il-kwalità ta' kreditu ta' bonds sovrani fir-rigward tal-eliġibbiltà tagħhom bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' likwidità tal-Eurosistema, billi ddeċidiet li tissospendi r-reqwiziti ta' gradazzjoni għal Stati Membri taż-żona tal-euro taħt programm ta' aġġustament finanzjarju miftiehem mal-Unjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-BĊE fil-każijiet tal-Greċja<sup>(8)</sup>, l-Irlanda<sup>(9)</sup> u l-Portugall<sup>(10)</sup>, u billi ddeċidiet li ttejjm din is-sospensjoni malli vvalutat l-effett negattiv fuq il-kwalità ta' kreditu tal-bonds sovrani tagħha tad-deċizzjoni mill-Greċja li tnedi offerta għall-iskambju ta' dejn lid-detenturi ta' bonds<sup>(11)</sup>.

(1) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

(2) Ara l-Opinjoni CON/2009/38 tal-21 ta' April 2009 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, Emenda 1.

(3) Linja Gwida BĊE/2011/14 tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema (ĠU L 331, 14.12.2011, p. 1).

(4) Ara Taqsima 6.3.5. tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

(5) Ara l-istqarrija għall-istampa tal-BĊE tat-8 ta' Diċembru 2011, disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq <http://www.ecb.europa.eu>

(6) Ara Taqsima 6.3.4. ta' Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

(7) Is-sors tal-ICAs preżentement jikkonsisti mill-erba' sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu ġestiti mid-Deutsche Bundesbank, il-Banco de España, il-Banque de France u l-Oesterreichische Nationalbank (ara Taqsima 6.3.4.2. ta' Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14).

(8) Deċizzjoni BĊE/2010/3 tas-6 ta' Mejju 2010 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Grieg (ĠU L 117, 11.5.2010, p. 102).

(9) Deċizzjoni BĊE/2011/4 tal-31 ta' Marzu 2011 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Irlandiż (ĠU L 94, 8.4.2011, p. 33).

(10) Deċizzjoni BĊE/2011/10 tas-7 ta' Lulju 2011 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Portugiż (ĠU L 182, 12.7.2011, p. 31).

(11) Deċizzjoni BĊE/2012/2 tas-27 ta' Frar 2012 li tħassar id-Deċizzjoni BĊE/2010/3 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Grieg (ĠU L 59, 1.3.2012, p. 36).

5. F'dan l-isfond, l-Eurosistema tikkonforma mal-prinċipju tal-FSB li taħtu l-banek ċentrali għandhom jilhqg l-ġudizzji dwar il-kreditu tagħhom dwar l-istrumenti finanzjarji li huma jaċċettaw fl-operazzjonijiet tas-suq, kemm bħala kollateral kif ukoll bħala xiri definittiv, u li taħtu l-politika tal-banek ċentrali għandha tevita approċċi mekkanistiċi li jistgħu jwasslu għal bidliet f'daqqa u kbar li mhumiex neċessarji fl-eliġibbiltà ta' strumenti finanzjarji u fil-livell ta' telf impost li jistgħu jħarrxu t-tnaqqis sostanzjali mhux mistenni <sup>(1)</sup>. Fl-istess waqt, kif indikat aktar 'il fuq, l-Eurosistema tinsab lesta biex tirrevedi kontinwament il-proċeduri, ir-regoli, il-metodi, is-sistemi ġenerali u r-riżorsi tal-ECAF użati minn sorsi *in-house* ta' gradazzjoni tal-kreditu.
- 

<sup>(1)</sup> Prinċipju tal-FSB, Prinċipju III.1., Operazzjonijiet ta' bank ċentrali.



## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Ġunju 2012

**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea  
għas-sena finanzjarja 2012**

(2012/C 167/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2012 kien adottat definittivament fil-1 ta' Diċembru 2011 <sup>(3)</sup>,
- fis-16 ta' April 2012, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2012,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 kienet adottata fit-11 ta' Ġunju 2012.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil minn fuq is-sit web tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/>

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kunsill**Il-President*

I. AUKEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, b'Corrigenda fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p. 43 u fil-ĠU L 99, 14.4.2007, p. 18.

<sup>(2)</sup> ĠU L 311, 26.11.2010, p. 9.

<sup>(3)</sup> ĠU L 56, 29.2.2012, b'Corrigendum fil-ĠU L 79, 19.3.2012.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

It-12 ta' Ġunju 2012

(2012/C 167/05)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2492	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2601
JPY	Yen Ġappuniż	99,40	CAD	Dollaru Kanadiż	1,2852
DKK	Krona Daniża	7,4324	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,6923
GBP	Lira Sterlina	0,80385	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6097
SEK	Krona Żvediża	8,8640	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6046
CHF	Frank Żvizzeru	1,2012	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 461,71
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,5284
NOK	Krona Norveġiża	7,5465	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9594
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,5565
CZK	Krona Ċeka	25,682	IDR	Rupiah Indoneżjan	11 770,30
HUF	Forint Ungeriż	296,92	MYR	Ringgit Malażjan	3,9731
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	53,521
LVL	Lats Latvjan	0,6969	RUB	Rouble Russu	41,0800
PLN	Zloty Pollakk	4,3283	THB	Baht Tajlandiż	39,562
RON	Leu Rumenu	4,4630	BRL	Real Brażiljan	2,5654
TRY	Lira Turka	2,2860	MXN	Peso Messikan	17,5712
			INR	Rupi Indjan	69,7120

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## IL-QORTI TAL-AWDITURI

### **Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2012 “Ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid: Il-progress li sar s’issa”**

(2012/C 167/06)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tinfirmak li r-Rapport Speċjali Nru 7/2012 “Ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid: Il-progress li sar s’issa” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista’ jiġi kkonsultat jew imniżżel mill-websajt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://eca.europa.eu>

Verżjoni stampata tar-rapport tista’ tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri  
Unità “Verifika: Il-Produzzjoni ta’ Rapport”  
12, rue Alcide de Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1  
Posta elettronika: [eca-info@eca.europa.eu](mailto:eca-info@eca.europa.eu)

jew billi timla formola ta’ ordni elettronika fl-EU-Bookshop.

---

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6595 – AXA/BNP Paribas/Immeuble Cergy-Pontoise)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 167/07)

1. Fil-5 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>, dwar proposta ta' konċentrazzjoni li permezz tagħha l-impriżi AXA Franza Vie SA (Franza) u BNP Paribas (Franza) jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt ta' bini b'użu kummerċjali li jinsab fl-agglomerazzjoni ta' Cergy-Pontoise (Franza), permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- AXA France Vie SA: Il-grupp AXA huwa attiv fil-qasam tas-servizzi tal-protezzjoni finanzjarja,
- BNP Paribas: BNP Paribas huwa bank preżenti fi 80 pajjiż u attiv fi tliet oqsma prinċipali ta' attività – Retail banking, Corporate & Investment Banking u Investment Solutions,
- Il-proprjetà immobbli tinsab fid-Dipartiment ta' Val d'Oise, fil-komuni ta' Eragny-sur-Oise u Saint-Ouen l'Aumône (Franza), li jinsabu fl-agglomerazzjoni ta' Cergy-Pontoise. Bħalissa huwa ġestit bil-marka Boulanger.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6595 – AXA/BNP Paribas/Immeuble Cergy-Pontoise, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").







## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

